MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 363/2009

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija u sebghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€370.63) rapprezentanti bilanc dovut ghal servizz ta' internet u/jew telefonija fil-fond 5, Triq l-Macina, Senglea, mid-19 ta' Ottubru 2004 sat-3 ta' Jannar 2005 skond il-kont numru 149919; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 2502/2008 a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 20 ta' Gunju 2008, u bl-imghax legali dekoribbli mit-3 ta' Jannar 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-smigh tas-seduta, ma ikkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk tali Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici a fol.2 sa' fol.9 tal-process.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett mija u sebghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€370.63), bl-imghax legali kif mitlub. L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 2502/2008 a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 20 ta' Gunju 2008, huma a karigu tal-konvenut

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------